MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2005

Numru 1036/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Maria Stella Cutajar)**

**vs.**

**Justin Fenech**

**Illum 9 ta' Mejju, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Justin Fenech ta' 21 sena, iben Joseph u Maria Dolores nee` Cassar, imwieled Pieta` nhar is-16/07/1983 u li joqghod no 17, Triq Flora, Qormi detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 364683(M) gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-24 ta'

novembru 2004 b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozijoni tal-ligi u li gew maghmula b'zizoluzjoni wahda;

Talli f'Hal-Qormi nhar il-24 ta' Novembru 2004 ghal-habta ta' xi 10:15 ta' fil-ghodu flimkien ma persuna ohra bil-hsieb li jikkommetti serq minn gewwal-Banka tal-Lottu numru 168 li tinsab fi Triq id-Deheb Fin, wera dan il hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu, u li kieku sehh kien ikun kwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li jaccedi Lm100 izda nqas minn Lm1,000 u dan sar ghad-detriment ta' Charles Pool;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, flimkien ma persuna ohra bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati; arresta, zamm jew issekwestra diversi persuni liema persuni kienu fil-Banka tal-Lottu numru 168 fi Triq id-Deheb Fin, Qormi, u dan kontra l-volonta ta' l-istess persuni;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, flimkien ma persuna ohra li fil-hin li kien qed jghamel delitt kontra l-persuna kellu fil-pussess tieghu arma regolari u cioe` harpoon;

Talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu arma regolari u cioe` harpoon;

Talli gewwa r-Rabat/Malta nhar l-24 ta' Novembru 2004 f'xi hin qabel 10:00 ta' filghodu flimkien ma persuna ohra bil-hsieb li jikkommetti serq minn fuq il-persuna ta' Salvatore Fenech u John Muscat it-tnejn huma persuni anzjani li ghandhom il-fuq minn 60 sena liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u vjolenza;

Talli f'Malta assoccja ruhu ma persuna ohra bil-ghan li jghamlu delitt f'Malta u cioe` delitt ta' serq dirett kontra persuna jew persuni anzjani ta' aktar minn sittin sena, liema delitt huwa punibli b'piena ta' prigunerejja m'huwiex delitt taht l-att dwar l-istampa;

Talli gewwa Hal-Qormi nahr il-24 ta' Novembru 2004 f'xi hin filghodu flimkien ma persuna ohra kkommetta serq ta' vettur bin-numru tar-registrazzjoni FAE-898 ta' ghamla Yugo 511 ta' kulur maroon liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Brian Camilleri.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` hsara fl-imsemmijja vettura, liema hsara taccedi Lm10 izda ma taccedix Lm50 u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmi Brian Camilleri;

Tali f'Hal-Qormi nhar id-19 ta' Novembru 2004 f'xi hin flghodu kkommetta serq t'a vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAQ-565 ta' ghamla Hyundai Eccel ta' kulur abjad kif ukoll il-car stereo ta' l-istess vettura liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Edwin Emanuel Fiott;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` hsara billi kisser it-tieqa ta' quddiem tan-nahha tal-xuffier ta' l-imsemmija vettura u mera, liema hsara teccedi Lm50 izda ma teccediex Lm500 u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmi Edwin Emanuel Fiott.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-tnax (12) ta' April, 2005.

Innutat li l-imputat, wara li nghata zmien bizzejjed biex jirrispondi, iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu

jigi trattat u deciz bi procedura sommarja kif registrat fil-Verbal tas-Seduta tas-27 ta' April, 2005.

Innutat li fis-Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005 l-imputat fil-prezenza tal-avukat tieghu Dr Ian Farrugia, *inter alia*, iddikjara li qieghed in linea ma' l-istqarrijiet tieghu esebiti fil-process jammetti l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fis-Seduta tas-27 ta' April, 2005 l-imputat fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu Dr Ian Farrugia rega' ikkonferma li hu qed jammetti l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti regghet wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu qed jammetti l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-prosekuzzjoni u mid-difiza.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 48A, 86, 87, 261(a)(b)(c) u (g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 271, 275, 276, 276A, 277, 278, 279, 280, 281 u 325(b) u (c) tal-Kap. 9 u l-artikoli 3(1A) u 26 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Justin Fenech, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi min-naha l-wahda l-gravita` tal-akkuzi u min-naha l-ohra l-fedina penali netta tal-imputat u l-eta` ta' l-imputat, tikkundanna lill-imsemmi imputat Justin Fenech ghall-piena komplessiva ta' tliet (3) snin prigunerija.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 19 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna l-konfiska ta’ l-oggett esebit bhala Dok PGJ 2.

Fid-dawl ta’ dak sottomess mill-avukat difensur fit-trattazzjoni dwar il-piena rigward il-problema tad-droga li ghandu l-imputat, il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin sabiex dan jara l-possibiltajiet li hemm sabiex l-imputat jkun assistit biex jehles mill-vizzju tad-droga u ghaldaqstant tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi komunikata lill-istess Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------